



Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14456/19

DEVGEN 213
SUSTDEV 165
ACP 136
RELEX 1090

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 25 ta' Novembru 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12700/19

Suġġett: Indirizzar tal-inugwaljanza f'pajjiżi sħab
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-inugwaljanza f'pajjiżi sħab, kif adottati mill-Kunsill fit-3732 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Novembru 2019.

Indirizzar tal-inugwaljanza f'pajjiżi sħab**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li ħafna pajjiżi sħab għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' livelli ta' inugwaljanza li huma ogħla milli kienu 30 sena ilu, u li huma theddida għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Il-Kunsill jirrikonoxxi n-natura multidimensjonali tal-inugwaljanza, li tinkludi aspetti ekonomiċi, soċjali, politiċi u ambjentali u teħtieġ attenzjoni urġenti.
2. Il-Kunsill jinnota li l-inugwaljanza xxekkel il-qerda tal-faqar u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Tista' thedded id-demokrazija, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, ir-reżiljenza u l-istabbiltà. L-inugwaljanza tista' taggrava wkoll id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima kif ukoll iċ-ċaqliq sfurzat u tista' tikkontribwixxi għall-migrazzjoni irregolari. Il-Kunsill jinsab imħasseb li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jheddu li jdgħajfu l-abbiltà tal-pajjiżi li jiksbu żvilupp sostenibbli, jieħdu ħsieb ir-riżorsi naturali b'mod sostenibbli u jeqirdu l-faqar u l-inugwaljanza fil-forom varji tagħha.
3. Il-Kunsill ifakkar li l-Aġenda 2030 hija opportunità għal bidla pożittiva. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-SDG 10 "It-tnaqqis tal-inugwaljanza fi ħdan u fost il-pajjiżi" u l-fatt li l-indirizzar tal-inugwaljanza huwa enfasizzat fl-Aġenda 2030 kollha, peress li dan jista' jaċċellera l-progress lejn ħafna mill-għanijiet l-oħra, inkluż l-SDG 1 "It-tmiem tal-faqar fil-forom kollha tiegħu kullimkien" u huwa essenzjali sabiex jiġi mħares l-impenn li ħadd ma jitħalla lura u li l-ewwel jintlaħqu dawk li jinsabu l-aktar lura.
4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-indirizzar tal-inugwaljanza huwa prijorità interna u esterna għall-Unjoni Ewropea u li l-ugwaljanza u s-solidarjetà huma fost il-valuri u l-prinċipji li jiggwidaw l-Unjoni Ewropea u l-azzjoni esterna tagħha, kif jinsab fit-Trattati. L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tfakkar fl-impenn lejn il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza, u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-2017 jagħmilha prijorità tal-politika tal-iżvilupp tal-UE li jinqered il-faqar u li jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza.

5. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Lulju 2019 dwar "Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja"¹, li jilqgħu b'mod partikolari l-isforzi msaħħa li saru mill-UE u l-Istati Membri biex jilħqu lil dawh f'faqar estrem u biex jindirizzaw il-forom kollha ta' inugwaljanza, f'konformità mal-prinċipju li ħadd ma jibqa' lura u jimmira li jipprevjeni li l-inugwaljanza tiġi trażmessa minn ġenerazzjoni għall-oħra.
6. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp - Nindirizzaw l-inugwaljanza f'pajjiżi sħab, bħala kontribut siewi għar-riflessjonijiet dwar kif jiġi integrat aktar it-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, f'konformità mal-Kunsens, li jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-għodod u l-approċċi tagħhom biex jagħmluhom aktar effettivi biex jindirizzaw l-inugwaljanza u biex jintegraw it-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp.
7. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-laqgħa ta' Lulju 2019 tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li fih l-SDG 10 kien fost l-għanijiet taħt rieżami, u jieħu nota tas-sejbiet tar-Rapport tan-NU tal-2019 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li sab li ż-żieda fl-inugwaljanza fost u fil-pajjiżi hija kawża ta' tħassib persistenti. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota tar-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali li ġie ppubblikat dan l-aħħar, li jenfasizza li jekk l-inugwaljanza ma tiġix indirizzata fl-iżvilupp internazzjonali, l-SDGs mhux ser jintlaħqu.
8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li d-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt huma essenzjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-appoġġ tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u biex jiffurmaw l-aħjar pedament għal soċjetajiet paċifiċi u inklużivi. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili bħala mutur għall-bidla. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza vitali li jiġu ffaċilitati l-proċessi demokratiċi, li għandhom ukoll il-kapaċità li jipprevjenu u jiġġestixxu l-kunflitti u jippermettu soċjetajiet stabbli u paċifiċi.

¹ 10997/19

9. Id-diskriminazzjoni b'ħala kawża tal-inugwaljanza trid tiġi indirizzata b'mod komprensiv u fil-forom kollha tagħha li jkopru fost l-oħrajn l-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabbiltà, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Għandhom jiġu indirizzati wkoll il-liġijiet u n-normi diskriminatorji. Biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, jenħtieġ li d-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet jiġu avvanzati biex jintlaħaq l-SDG 5.
10. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) fil-ħidma biex jintlaħqu l-SDGs u titnaqqas l-inugwaljanza. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-valur miżjud tal-PCD b'ħala kontribut sostanzjali għall-oġettiv usa' tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli. Mekkaniżmi u għodod b'saħħithom ta' koordinazzjoni, bħall-politika tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, għadhom essenzjali fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri biex jiskrutinizzaw il-politiki u japplikaw b'mod effettiv il-PCD fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-UE tal-Aġenda 2030 u t-tnaqqis tal-inugwaljanza. Għandu jiġi żgurat ukoll djalogu msaħħaħ ma' partijiet ikkonċernati differenti, bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u organizzazzjonijiet internazzjonali.
11. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress tajjeb li sar mill-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp fl-indirizzar ta' kawżi ta' inugwaljanza fil-pajjiżi sħab permezz ta' politiki u interventi f'oqsma rilevanti.
12. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati aktar il-kawżi ta' inugwaljanza fil-pajjiżi sħab fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi jiżdied l-impatt tal-politika u l-azzjonijiet eżistenti kif ukoll billi jiġu żviluppati approċċi ġodda, inkluż billi:
 - a) tissaħħaħ l-implimentazzjoni ta' approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet;
 - b) tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi billi tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016-2020) kif ukoll politika rilevanti oħra tal-UE;

- c) jiġu promossi d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt billi tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019) inkluż l-impenn għall-appoġġ ta' teħid ta' deċiżjonijiet reattiv, parteċipattiv u rappreżentattiv u aktar enfasi fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fil-politika esterna tagħha;
- d) isir aktar investiment fl-iżvilupp uman, partikolarment fis-saħħa u edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u aċċessibbli għal kulħadd, inkluż l-edukazzjoni bażika, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ kif ukoll l-edukazzjoni għolja, filwaqt li jiġu promossi approċċi transsettorjali biex tiġi massimizzata l-effiċjenza ta' dawn l-investimenti;
- e) jiġu promossi xejriet ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli li huma ta' benefiċċju għall-aħħar 40 % tad-distribuzzjoni tal-introjt permezz ta' politiki fiskali u tas-suq tax-xogħol, inklużi l-politiki dwar il-pagi u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, filwaqt li jiġu miġġielda l-inugwaljanzi eżistenti;
- f) jiġu appoġġati sistemi ta' protezzjoni soċjali sostenibbli u universali, jingħata aċċess universali għal servizzi bażiċi u jiġu appoġġati Prattiki soċjali innovattivi;
- g) jiġi appoġġat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u għal dawk li jgħixu fil-faqar u li jaħdmu fis-settur informali, kif ukoll impjieg sħiħ għannisa;
- h) jiġi promoss investiment sostenibbli u kooperazzjoni mas-settur privat, inkluż intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju; is-settur privat jiġi inkoraġġit jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-SDGs permezz ta' sħubijiet inklużivi bbażati fuq is-suq, investimenti u mudelli ta' negozju f'konformità ma' prinċipji maqbula internazzjonalment dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju;
- i) tissaħħaħ l-azzjoni biex jittaffa t-tibdil fil-klima, tiżdied il-kapaċità tal-komunitajiet li jadattaw għall-effetti tiegħu, jibnu r-reżiljenza u jipproteġu l-bijodiversità kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;
- j) jiġu sfruttati d-diġitalizzazzjoni, il-konnettività u l-bidla teknoloġika kif ukoll l-investiment fl-infrastruttura, ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni b'mod li jtejjeb l-inklużjoni.

13. Il-Kunsill iqis li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jintegraw it-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-programm u fiċ-ċiklu ta' proġett billi jintegraw aktar l-inugwaljanza f'analiżi tas-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-iżvilupp ta' programmi ta' assistenza għall-pajjiż, inkluż permezz ta' valutazzjoni ex ante tal-impatti tal-inugwaljanza u indikaturi relatati mal-inugwaljanza fi programmi u proġetti fejn fattibbli.
14. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-UE u l-Istati Membri jkomplu jaħdmu aħjar flimkien, eż. billi jseguw approċċi konġunti fil-livell tal-pajjiż fejn rilevanti, biex inaqqsu l-inugwaljanza f'pajjiżi sħab. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza ta' sħubiji msaħħa ma' sħab internazzjonali, is-settur privat, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati rilevanti oħra. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi l-inizjattiva tal-G7 "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fiċ-Ċentru" fl-indirizzar ta' inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal impenn imfassal apposta biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi u d-dinamika unika tal-inugwaljanza tal-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota li ma' pajjiżi bi dħul baxx, li jiffaċċjaw livelli għoljin kemm ta' faqar kif ukoll ta' inugwaljanza, l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp għad għandha rwol importanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tat-tnaqqis ta' inugwaljanza. L-involviment f'politika dwar l-inugwaljanza ma' pajjiżi bi dħul medju, li ħafna minnhom għad għandhom għadd kbir ta' persuni li jgħixu fil-faqar u li spiss jiffaċċjaw livelli għoljin ħafna ta' inugwaljanza u esklużjoni soċjali, jinkludi b'mod partikolari għodod bħad-djalogu dwar il-politika, l-iskambju ta' għarfien u kompetenzi kif ukoll assistenza teknika, u f'dan ir-rigward il-Kunsill ifakkar ukoll fl-involviment ma' pajjiżi aktar avvanzati li qed jiżviluppaw f'konformità mal-Kunsens.
16. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jittejbu d-data u l-għarfien, inkluż billi tinġabar data diżaggregata, inkluż fir-rigward tan-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh, kif ukoll il-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra li jgħixu f'komunitajiet emarġinati u sitwazzjonijiet vulnerabbli, u li tittejjeb il-kapaċità istituzzjonali relatata.
17. Il-Kunsill iqis li l-UE u l-Istati Membri għandhom jaċċelleraw l-isforzi biex jimplimentaw miżuri tal-UE biex jappoġġaw it-tnaqqis tal-inugwaljanza f'pajjiżi sħab, u jirriflettaw dawn il-konsiderazzjonijiet fil-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp rispettivi tagħhom.